

*It-translazzjoni awtentika tal-martri San Sebastjan (dettal minn pittura fil-Bażilika ta' San Sebastian f'Acireale)*

# Relikwi Sagri tal-Qaddisin

minn **Alex Powell**

Matul is-sena l-oħra kellna l-okkażjoni li nisimgħu ħafna dwar fdalijiet u relikwi ta' persuni li għexu ħajja ta' qdusija u l-qima lejhom. It-tmiem tal-proċessi li wasslu għall-beatifikazzjoni tal-venerabbli Maltin wasslet għall-eżumazzjoni tal-fdalijiet tagħhom, fejn nafu wkoll dwar l-istat tajjeb ta' preservazzjoni li nstab fih il-ġisem ta' Dun Ġorġ Preca.

Wieħed faċilment aktar minn qatt qabel jgħaddilu minn moħħu x'sens fihom il-fdalijiet tal-qaddisin fi żmienna kif ukoll fi żminijiet passati.

## Relikwi ta' San Sebastjan

Il-każ ta' San Sebastjan huwa xhieda ta' kemm l-ewwel insara kienu jemmnu fil-qawwa tal-fdalijiet ta' nies qaddisin u b'mod speċjali tal-martri. Meta l-imperatur Dijokleżjanu ta s-sentenza tal-mewt lil Sebastjan

Jap Kallistu, Katakombi

permezz tas-swat bil-bsaten, huwa ordna li l-ġisem mejjet tiegħu jintrema fil-*Cloaca Massima*, (il-foss il-kbir) biex ma jinstabx mill-insara.

Hu kien għadu dubjuż kif Sebastjan kien irnexxielu jeħlisha mill-martirju tal-vleġeġ u għalhekk ma riedx sogru ieħor. Imma lanqas ma ried li l-insara, li tant ħadem fosthom il-qaddis, ikollhom il-fdalijiet mortali tiegħu, għax kien persważ li l-qima lejhom kienet tagħti qawwa speċjali lill-insara li tant kien iqishom bħala theddida lejn il-persuna tiegħu nnifsu u lejn allat ta' Ruma.

L-istorja tgħid li l-ġisem ta' Sebastjan instab minn mara bl-isem ta' Luċina li difnitu fil-katakombi fejn kienu ġew midfuna San Pietru u San Pawl. L-ewwel translazzjoni li nafu biha, saret fit-tmien seklu. Il-Papa Ewġenju II (824-827) trasporta l-fdalijiet lejn il-Vatikan u tqiegħdu f'altar imħejji apposta fl-oratorju ta' San Girgor il-Kbir. Ir-ras ingħatat lill-knisja ta' Santi Quattro Incoronati f'Ruma wkoll fejn tqiegħdet f'urna mogħtija mill-Papa Girgor IV (827-843).

Dan l-avveniment hu mfakkar b'kitba fuq l-istess urna *ad decorum capitis beati Sebastiani Gregorius III ep opt* (mogħtija mill-Papa Girgor IV biex tilqa' ras l-imqaddes Sebastjan).



*L-artal fejn tinsab ras San Sebastjan*

L-urna tqiegħdt fuq l-altar maġġur. Fl-istess żmien tat-tranzlazzjoni tar-relikwi lejn il-Vatikan, l-abbati Hiduin (822-830) ta' San Menard ta' Soissons, abbazija Benedittina ewlenija fi Franza, akkwista mingħand Ewġenju II relikwi ta' San Sebastjan u San Girgor il-Kbir.

Imma l-qabar, għalkemm imneżża mir-rikkezza unika tiegħu, xorta baqa' jiġbed lejh kwantità ta' pellegrini. Il-Papa Onorju III (1216-1227), imħeġġeġ minn dawn iż-żjajjar u t-talbiet tal-patrijiet Ċisterċini, ittrasporta r-relikwi lura mill-Vatikan lejn il-post oriġinali fil-katakombi.

Il-knisja li teżisti llum fuq il-qabar ta' San Sebastjan ġiet mibnija fl-1611 mill-Kardinal Scipio Borghese li trasporta l-fdalijiet tal-qaddis mill-kripta lejn il-kappella li għadha

wieqfa sal-lum li aktarx tiġi fuq il-qabar oriġinali.

## Relikwa fil-Parroċċa Tagħna

Il-knisja parrokkjali tagħna f'Ħal Qormi wkoll hi mogħnija b'relikwa ta' San Sebastjan miġjuba minn Ruma mill-ex kappillan Dun Ġużepp Cauchi. Ir-relikwarju ġie maħdum fid-dar *Beato Angelico* ta' Milan fl-1961. Fil-fatt ir-relikwarju wasal fil-parroċċa l-Ħadd, 2 ta' Lulju 1961 meta l-parroċċa kienet qed tiċċelebra l-25 anniversarju tagħha. Ir-relikwarju ġie mbierek is-Sibt, 2 ta' Lulju ta' dik is-sena qabel it-translazzjoni tal-festa mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Hu magħmul minn *sterling silver* ibbanjat mid-deheb 22 karat u jinkludi 107 ħaġra prezzjuża. Fih ukoll sieq ta' l-avorju li fih mnaqqxa l-martirju tal-vleġeġ. Fil-bażi tiegħu hemm imnaqqxa erba' episodji mill-ħajja tal-qaddis li huma spjegati bil-Latin permezz ta' kitba katakombali fuq bażi oħra fuq is-sieq ta' l-avorju u li fuqha jistrieħ tempjett li jitla' permezz ta' erba' kolonni ta' l-avorju mibruma b'kapitelli tal-fidda bbanjati bid-deheb. F'nofshom hemm kaxxetta





*Relikwa ta' San Bastjan fil-parroċċa tagħna.*

tonda tal-fidda bbanjata bid-deheb imdawra minn ħmistax il-karjola ħamra. Din iżżomm fiha r-relikwa tal-qaddis martri Sebastjanu li tidher mill-ħġieġ. It-tempjett jispiċċa fil-quċċata b'koppla kwadrata mobbli mżewqa bi twieqi ċkejkna forma ta' ħnejja u bis-saqaf forma ta' skaldi tal-ħut (*fins*). Il-koppla tispiċċa b'pallina tal-kornjola ħamra u salib bejn żewġ palmiet. Dan ir-relikwarju għandu pedestall tal-fidda bbanjat bid-deheb bi tmien kantunieri bi tmien kolonni żgħar ta' l-avorju mibrum u f'nofs kull waħda palma ta' l-avorju martellat.

Il-każ ta' San Sebastjan mhux xi wieħed iżolat fejn tidħol qima lejn ir-relikwi ta' l-ewwel xhieda u marti ta' Kristu. Wieħed mill-aktar magħruf hu l-każ ta' San Polikarpu ta' Smirna rrakkonat mill-abitanti ta' Smirna stess madwar is-sena 156W.K. Wara li l-qaddis ġie maħruq, xi segwaċi tiegħu xtaqu jiġbru l-fdalijiet tiegħu imma l-Lhud ħeġġew lir-Rumani biex il-permess ma jingħatax minħabba l-biża' li l-insara jabbandunaw il-qima lejn il-mislub u jibdew iqimu lilu. Iżda l-kitba tgħid, *"ħadna l-għadam tiegħu li jiswa aktar mill-ħaġar prezzjuż u ifjen mid-deheb, u qegħdniehom f'lok xieraq fejn il-Mulej jippermettilna niltaqgħu flimkien bil-ferħ u niċċelebraw l-anniversarju tal-martirju tal-qaddis."*

## Relikwi diversi

Il-kelma relikwa ġejja mil-Latin *reliquiae*, li diġà qabel xtered il-Kristjaneżmu kienet partikolarment tfisser parti minn ġisem jew ħwejjeġ bħala tifkira ta' xi ħadd li jkun għex ħajja qaddisa. Il-qima lejn ir-relikwi ġejja minn qabel l-era tal-Kristjaneżmu għax il-bniedem, istintivament, minn dejjem ħass il-bżonn li jkun qrib ta' xi ħadd li ma jkunx għadu ħaj permezz ta' qima lejn il-fdalijiet tiegħu. Fil-Greċja antika kien hemm qima kbira lejn dawk li suppost kienu fdalijiet ta'Oedipus u Teseus mill-mitoloġija Griega. Ir-relikwi ta' Budda li miet fis-sena 483 Q.K. kienu mferrxa ftit wara mewtu. Id-dinja Buddista għadha sal-lum tippreserva u tqim il-ftit relikwi li fadal fosthom is-snin u xi xahar. Il-qima lejn ir-relikwi fost il-buddisti hi waħda kbira ħafna. Waħda mill-akbar kulti ta' l-Islam tinsab fil-qima lejn ir-relikwi ta' Mohammed li miet fis-sena 687 W.K. Dawn jikkonsistu biss f'żewġ xagħriet. Din ir-relikwa ilha meqjuma fil-bini msejjaħ il-Koppla tal-Blata f'Ġerusalem, il-post fejn hu mifhum li Abram kien se jissagrifika lil ibnu Iżakk u fejn kien wieqaf it-tempju ta' Salamun. Anke Konfuċju, li minħabba li f'ħajtu kien meqjus bħala kult reliġjuż, il-fdalijiet tiegħu ilhom meqjuma sa mis-sena 195 Q.K., minn meta l-Imperatur Kao Tsu żar il-qabar tiegħu u offrielu sagrifiċċji. Maż-żminijiet kienu miljuni li jsegwu t-tagħlim ta' Konfuċju li żaru l-qabar tiegħu.

## Kategoriji ta' Relikwi

Fil-kult Kristjan, ir-relikwi jinqasmu fi tliet kategoriji.

Fosse Ardeatine

L-ewwel klassi huma dawk il-partijiet mill-ġisem tal-qaddisin jew strumenti użati fil-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. It-tieni klassi huma oġġetti li kienu jintużaw mill-qaddisin bħal ħwejjeġ jew strumenti tal-martirju waqt li relikwi tat-tielet klassi huma oġġetti li ntmessew mar-relikwi ta' l-ewwel u t-tieni klassi.

## Qima lejn ir-Relikwi

Dwar il-qima lejn ir-relikwi, il-Knisja tkellmet l-aktar permezz tal-Konċilju ta' Trentu (1545-1563). Fis-sessjoni XXV li jitkellem dwar invokazzjoni, qima u relikwi ta' qaddisin u xbihat sagri, jistqarr li *"l-iġsma sagri tal-martri qaddisa u oħrajn li issa qed jgħixu ma' Kristu – liema iġsma kienu membri ħajjin ta' Kristu u tempju ta' l-Ispirtu s-Santu u li permezz tiegħu jqumu għall-ħajja ta' dejjem u jkunu glorifikati, għandhom ikunu meqjuma mill-fidili, għax permezz ta' dawn il-fdalijiet, Alla jsawwar ħafna benefiċċji fuq il-bnedmin; ħalli dawk li jaffermaw li qima u unur m'humiex dovuti għar-relikwi tal-qaddisin; jew li dawn u monumenti sagri oħra, huma inutilment onorati mill-fidili; u li l-postijiet iddedikati lit-tifkira tal-qaddisin ikunu inviżtati għalxejn bl-iskop li tinkiseb xi għajnuna; għandhom ikunu kkundannati, bħal ma l-Knisja ilha tikkundanna u llum tikkundanna wkoll."* Permezz ta' dan il-Konċilju, l-Knisja affermat li bl-ebda mod m'hi kontra l-kult u l-qima tar-relikwi. Wieħed jista' jgħid li għalhekk insibu tradizzjoni kbira tar-relikwi għax dan sar bil-kunsens tal-Knisja nnifisha li min-naħa tagħha sabet għeruq fondi lejn dan il-kult li kif rajna ġej minn żmien l-ewwel insara. Imma l-Konċilju ta' Trentu iwissi, *"fl-invokazzjoni lejn il-qaddisin, il-qima lejn ir-relikwi u l-użu sagru ta' xbihat, għandha titwarrab kull superstizzjoni, kull qliegħ faħxi għandu jkun abolit."* Il-Konċilju ma riedx li *"iż-żjajjar lir-relikwi jkunu maqluba għat-tbaħrid u sokor."* Iwissi wkoll *"l-ebda miraklu ġdid m'għandu jkun iddikjarat, jew ikunu rikonoxxuti relikwi ġodda sakemm l-isqof tal-post ikun mgħarraf u japprova." Fl-istess waqt l-isqof huwa mwissi biex "xejn ġdid, jew dak li qabel ma kienx tas-soltu għall-Knisja, m'għandu jiġi deċiż qabel ikun ġie kkonsultat il-qdusija tiegħu l-Papa."*

Il-Katekiżmu Ruman, miktub fl-istess żminijiet tal-Konċilju ta' Trentu, jistqarr ix-xhieda ta' mirakli fuq l-oqbra tal-martri fejn *"l-għomja u l-magħtuba jfiequ, il-mejtin jirxuxtaw għall-ħajja u jitkeċċew l-ispirti ħżiena mill-bnedmin."* Il-Katekiżmu jirreferi għal San Ambroġ u Santu Wistin li fil-kitbiet tagħhom jiddikjaraw li mhux biss semgħu u qraw imma raw b'għajnejhom stess dawn il-ħwejjeġ. *"Jekk l-imkatar u l-fradal (mill-Atti ta' l-Appostli XIX, 12) jekk id-dell tal-qaddisin (Atti V, 15) qabel ħallew din il-ħajja qerdu l-mard u kisbu s-saħħa, min għandu l-ħila jiċħad lil Alla jaħdem bl-istess mod ta' l-għaġeb bl-irmied sagru, l-għadam u relikwi oħra tal-qaddisin?"* Hawn issir riferenza għar-

rakkont dwar il-fdalijiet tal-profeta Eliżew *"Qatgħa ħallelin minn Mowarb bdew deħlin fil-pajjiż. Darba, meta xi wħud kienu qegħdin jidfnu wieħed mejjet, raw qatgħa minnhom u xeħtu r-raġel fil-qabar ta' Eliżew u telqu. Malli r-raġel mejjet mess ma' l-għadam ta' Eliżew, ħa l-ħajja u qam fuq riġlejh."* (2 Slaten 13: 20, 21) Aktarx li dan hu l-akbar eżempju mill-kotba mqaddsa li juri l-qawwa tar-relikwi tal-qaddisin.

San Ċirillu ta' Ġerusalemm (347 W.K.) jirreferi għall-miraklu permezz tal-ġisem tal-profeta Eliżew u jistqarr li *"bħala xhieda li għalkemm ir-ruħ mhix preżenti, il-virtù hija preżenti fil-ġisem tal-qaddisin, minħabba r-ruħ ġusta li għal tant żmien ġarrha miegħu u amministraha."* San Ċirillu jkompli, *"Ma niżbaljawx b'nuqqas ta' twemmin daqs li kienu l-ġrajja ma seħħitx, għax jekk kuntatt ma' mkatar u fradal, li huma oġġetti esterni fejjaq il-mard, kemm aktar il-ġisem nnifsu jqajjem mill-mewt."*

Kif jidher ċar, għalkemm il-knisja qatt ma ċaħdet lill-insara milli jippreservaw fdalijiet ta' qaddisin biex jingħataw ġieħ, dejjem talbet prudenza mill-insara għax l-ewwel qima għandha tkun lejn is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. San Ġlormu jiċċara: *"Aħna ma nadurawx, minħabba l-biża' li ninkinaw lejn il-maħluq u mhux lejn il-ħallieq, imma nqimu r-relikwi tal-martri biex naduraw aħjar lilu (lill-ħallieq) li għalih mietu martri."* San Ċirillu ta' Lixandra wkoll jikteb, *"Bl-ebda mod ma nqisu lill-martri mqaddsa bħala allat, lanqas ma ninżlu nadurawhom, imma biss bħala ġieħ."*

Kienu diversi l-papiet li bħala rigal lil xi re kienu jagħtu relikwa. Dan kien ikun unur kbir. Fost l-oħrajn għandna r-rakkont tal-Papa San Girgor il-Kbir (540-604). Hu kien mitlub minn xi ambaxxaturi sabiex jagħtihom xi relikwi. Il-papa mess biċċa drapp mal-fdalijiet ta' xi qaddisin u ssiġġilaha f'kaxxa u taha lil dawn l-ambaxxaturi. Imma dawn għelbithom il-kurżità u fetħu l-kaxxa u ma raw xejn ta' sustanza u ħasbu li kienet xi logħba. Għalhekk ħadu kollox lura lill-papa li min-naħa tiegħu poġġa d-drapp fuq l-altar u niżel jitlob għarkubbtejh. Imbagħad qabad id-drapp f'idejh u taha daqqa b'xi ħaġa taqta' minn fejn ħareġ gelgul demm. Bla dubju, dawk l-ambaxxaturi bidlu fehmithom u aċċettaw ir-relikwa bħala xi ħaġa imprezzabbli.

## Translazzjonijiet

Qabel ma l-knisja stabbiliet il-metodu ta' kif għandha tikkannonizza persuni li tiddikjarahom qaddisin fis-seklu 10, translazzjoni solenni (*elevatio corporis*) tar-relikwi ta' xi persuna kienet titqies bħala att estern ta' rikonoxximent tal-qdusija erojka. Anke l-ewwel dikjarazzjonijiet mill-knisja li l-papa għandu jkun hu li jiddikjara lil xi ħadd qaddis kienu jinkludu klawsoli li jgħidu li r-relikwa ta' dak li jkun qed jiġi proklamat qaddis għandhom ikunu transulati lejn post ta' qima mhux aktar taħt l-art.

Il-kelma translazzjoni ma damitx ma saret tfisser it-trasport ta' kull tip ta' relikwa minn post għall-ieħor fis-solennità tagħha. Hekk illum insibu d-drawwa, partikolarment fil-festi tagħna li nagħmlu t-translazzjoni tar-relikwa min u post partikolari għal fuq l-altar tal-knisja.

## Knejjes u Altari

Tradizzjoni oħra fil-knisja kattolika kienet li kull altar li kien jiġi kkonsagrat kellu jkollu ssiġillati ġo fih xi relikwi ta' qaddisin. Anke l-konsagrazzjoni tal-knejjes innifishom kienet titlob relikwi. Il-Konċilju ta' Nicea II (787 W.K.) fis-VII digriet jgħid, *"knejjes ikkonsagrati mingħajr xi biċċa tar-relikwi tal-qaddisin, dan għandu jiġi rimedjat."*

Biex jisħaq fuq dan il-punt, il-konċilju jgħid li jekk minn dakinhar 'il quddiem xi isqof ifettillu jikkonsagra xi knisja mingħajr relikwi, kien jitneħħa mill-pożizzjoni tiegħu.

Id-drawwa tar-relikwi li jitqiegħdu f'altar għall-konsagrazzjoni tidher li ġejja mill-altar ta' San Pietru f'Ruma. San Girgor il-Kbir kien il-papa li beda jqaddes fuq il-qabar ta' San Pietru fil-bażilika. San Girgor ta' Tours (540-594) ħalla miktub ix-xhieda tad-djaknu Angiulf dwar id-devozzjoni fuq il-qabar ta' San Pietru. Hu jgħid li San Pietru jinsab midfun fit-tempju li kien jissejjaħ *Vaticanum* b'erba' linji ta' kolonni u erba' kolonni ma' l-altar u oħrajn li jżommu l-kanopew fuq il-qabar. Il-qabar jinsab taħt l-altar. Hu jispjega kif min iżur il-post jista' jilħaq il-qabar biex ikun jista' jagħti ġieħ lill-fdalijiet ta' l-appostlu. Hu jgħid li l-fidili kienu jkunu jafu jekk it-talb tagħhom ġiex mismugħ billi jniżżel biċċa drapp fil-qabar u meta tittella' tkun tiżen aktar.

Bikri mis-seklu 5, l-altar u l-fdalijiet ta' San Pietru kienu ħaġa waħda. Il-fdalijiet kienu jinsabu ġewwa relikwarju portabbli u mqiegħed taħt l-altar. Dawk iż-żminijiet jidher li tant ingħatat importanza lir-relikwi li saħansitra l-altar ġie mċaqlaq lejn il-qabar u mhux bil-maqlub. Din ir-relazzjoni bejn l-altar u r-relikwa tant baqgħet tissaħħaħ matul is-sekli 5 u 6 li tista' tgħid li tat bidu tat-tqegħid tar-relikwi fl-altari.

## Korpi Sagri

Waħda mill-aktar drawwiet popolari li sa ftit tas-snin ilu kienet popolari anke f'Malta kienet li l-fdalijiet x'aktarx sħaħ jitqiegħdu f'korp aktarx tal-karta pesta li jirrappreżenta lill-qaddis b'partijiet minnu bi ħġieġ biex l-għadam ikun jidher. Dan il-korp sagru jitpoġġa taħt altar minn fejn ikun jidher u l-altar ikun iddedikat lil dak il-qaddis. Għandna rakkonti li meta saru t-tranzlazzjonijiet ta' diversi korpi sagri f'Malta, dan kien avveniment kbir li ġibed ħafna nies. F'ċerti rħula, bħan-Nadur Għawdex, korp sagru ta' xi qaddis tant igawdi devozzjoni li saħansitra ħafna f'dak ir-raħal huma msemmija bl-isem tal-qaddis. Hekk fin-Nadur jissemmew ħafna Kurunat għal San Kurunat li l-korp tiegħu jinsab

meqjum f'din il-knisja. Huwa fatt magħruf, iżda, li ħafna minn dawn il-korpi, aktarx ta' martri, ikun ingħatalhom isem mill-knisja minħabba n-nuqqas ta' ċertezza li tkun teżisti. Minn wara l-Konċilju Vatikan II din id-drawwa spiċċat kif ukoll tar-relikwi fl-altar minħabba li knisja kellu jkollha altar wieħed ikkonsagrat lil Alla.

## Relikwarji

Matul iż-żminijiet ir-relikwi bdew isiru xi ħaġa ta' l-akbar arti. Deheb, fidda u ħaġar prezzjuż beda jintuża bħala relikwarju biex jilqgħu fihom dawn il-fdalijiet għeżież. Fil-fatt bla dubju r-relikwarji huma fost l-aktar opri ta' l-arti imprezzabbli fl-istorja tal-knisja. Ħafna drabi, ir-relikwarju jispiċċa jieħu importanza aktar minn dak li jkun hemm ġo fih. Kull relikwa żgħira dejjem tiġi ssiġillata f'reċipjent żgħir aktarx tal-ħġieġ, imma minħabba l-ġieħ li tkun tingħata titqiegħed f'għamla ta' ostensorju. Mas-siġill ta' kull relikwa titqiegħed karta bl-isem tal-qaddis u din tkun il-garanzija li dik ir-relikwa se tkun magħrufa għal dejjem lil min tappartjeni. Ma kull isem jitniżżlu inizzjali biex indikaw x'kien il-qaddis. Dawn huma l-inizjali li jintużaw:



*Id-demm ta' San Gennaro ta' Napli*

**AP.** - Appostlu
**C.** - Konfessur
**D.** - Duttur tal-Knisja
**E.** - Isqof
**EV.** - Evanġelista
**F.** - Fundatur ta' xi ordni
**Lev.** - Djaknu, levita
**M.** - Martri
**Poen.** - Penitent
**PP.** - Papa
**Reg.** - Re jew Reġina
**V.** - Verġni
**Vid.** - Verġni

## Fenomeni dwar Relikwi

Xi relikwi huma minnhom infushom fenomeni li għalkemm maż-żmien kien hawn min ipprova jagħti

spjega, il-misteru dwarhom xorta baqa' jiġġenera. L-akbar każ huwa d-demm ta' San Ġennaru meqjum fil-katidral iddedikat lilu f'Napli. Id-demm ta' dan il-qaddis li miet martri bi qtugħ ir-ras taħt l-imperatur Dijoklezjanu. Dawk li marru jidfnuh ġabru xi demm minn tiegħu. Fl-1389 ir-relikwa kienet qed tittieħed proċessjonalment fil-katidral meta deher li d-demm qed jinħall u jbaqbaq. Minn dik is-sena, dan il-fenomenu baqa' jseħħ tmintax-il dabra fis-sena. Fil-ġranet mistennija jkun hemm, il-bust tal-qaddis bir-relikwa tad-deheb fejn id-demm jinħall u l-isqof tal-post jesklama, quddiem in-nies li jinġabru "il-miraklu seħħ." Iżda l-fenomenu mhux l-ewwel darba li ma mmaterjalizzax u dan dejjem kien fi żminijiet ta' kriżi bħal mard, ġuħ, terremoti jew kwistjonijiet politiċi. In-Naplitani jisperaw bil-ħerqa li l-miraklu jibqa' jseħħ.

## Ġisem f'Kundizzjoni Tajba

Relikwi għeżież huma dawk fejn instab il-ġisem f'kundizzjoni tajba. Dawn il-fenomeni aktarx li dejjem ġew ma' miraklu li Alla ma jippermettix li ġisem li jkun għex ħajja tant qaddisa jitħassar. Fost l-aktar magħrufa huma l-korp intatt ta' Santa Bernardetta ta' Soubirous, il-viżjonarja ta' Lourdes, li mietet fl-1879, fil-kunvent fejn għexet, f'Nevers fi Franza; il-kurat ta' Ars, San Ġwann Maria Vianney (m. 1859) fil-Bażilika ta' Ars fi Franza; Santa Marija Madalena de Pazzi (m. 1607) fil-knisja tal-Karmelitani ta' Firenze, Sant'Angela Merici ta' l-Ursolini (m. 1540) fi Brescia l-Italja, Santa Katarina ta' Genova (m. 1510) fil-knisja tagħha f'Genova, u Santa Rita ta' Cascia (m. 1457) fil-bażilika ddedikata lilha f'Cascia stess. Dawn u oħrajn jinsabu f'urna tal-ħġieġ fejn jidhru. Diversi oħrajn huma magħluqa fl-oqbra




*Il-korp sant ta' Jean Marie-Baptiste Vianney*

tagħhom bħal ma hu l-ġisem li nstab fi stat tajjeb ta' San Franġisk Saverju (m. 1552) li hu meqjum fil-Bażilika Bom Jesus f'Goa l-Indja. Is-sena l-oħra kellna wkoll il-każ ta' l-eżumazzjoni tal-ġisem tal-Papa Ġwanni XXIII li miet fl-1963, li saret fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni tiegħu u li nstab fi stat perfett ta' preservazzjoni u kien espost għall-pubbliku fl-anniversarju tal-mewt tiegħu, fit-3 ta' Ġunju 2001.

## Festa tar-Relikwi

Il-kalendarju l-antik tal-knisja kien jinkludi l-festa tar-relikwi sagri li f'diversi postijiet kienet tkun fid-diskrezzjoni tad-djoċesi meta tiġi ċċelebrata. Fil-missal bil-vespri tal-ħdud u l-festi ta' Dom Gaspar Lefebre O.S.B. ta' l-Abbazija ta' Sant'Andrè, li kien mitbugħ fl-1934, il-festa tar-relikwi kienet irriservata għall-5 ta' Novembru. Mill-introduzzjoni għall-quddies jiġi indikat li din id-data hi magħżula għax wara li tkun iċċelebrata l-festa tal-qaddisin kollha fit-2 ta' Novembru u għalhekk il-festa ta' l-erwieħ li qegħdin fil-ġenna, il-knisja tonora r-relikwi ta' ġisimhom li jibqgħu fuq din l-art sal-ġurnata tal-qawmien glorjuż.

## Tberik

Bħala konklużjoni għal din l-informazzjoni dwar ir-relikwi sagri tal-qaddisin (hawn ma ġewx trattati relikwi ta' oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu jew il-Madonna) inġibu l-kliem tar-rit tat-tberik ta' relikwa l-ewwel bil-Latin u wara traduzzjoni bil-Malti:

*Bene†dic, Domine, capsulam hanc*
*Sanctorum tuorum*
*Reliquiis condendis praeparatem; et prasesta; ut, Quicumque eas pro mentis affectu venerati fuerint, ipsis Sanctis tuis intercedentibus, omnium delictorum*
*Tuo semper muniantur auxilio. Per Christum Sominum nostrum.*
*Amen.*

Traduzzjoni:

*Bierek, † O Alla, dan ir-relikwarju maħdum biex jilqa' ġo fih il-fdalijiet sagri tal-qaddisin tiegħeK, u Agħmel li bl-interċessjoni tal-qaddisin, dawk kollha li jqimu devotament ir-relikwi tagħhom jiksbu maħfra tad-dnubiet u protezzjoni minn kull deni. Bi Kristu Sidna.*
*Amen.*

**REFERENZI:**


- Serafin Thomas J. (1998) *Relics, The Forgotten Sacramental.* Fatima, Portugall: International Crusade for Holy Relics.
- Cruz Joan Carroll (1984) *Relics.* Hunington, Indiana: Our Sunday Visitor, Inc.
- Ferrua Antonio S.I. (1983) *The Basilica and the Catacomb of Saint Sebastian* 2nd ed. Vatican city: Pontifical Commission of Sacred Archaelogy.
- Cruz Joan Carroll (1977) *The Incorruptibles.* Illinois: TAN Books and Publishers, Inc.
- Thurston Herbert *Relics.* Catholic Encyclopaedia, Verżjoni Elettrokika.
- D.G.C. (Festa 1973) *Sliem u Ħajja.* Parroċċa San Sebastjan, Qormi.
- *Konċilju ta' Trentu.* Verżjoni Elettronika.
- *Konċilju ta' Niċea II.* Verżjoni Elettronika.